**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 26 ta' Mejju, 2025**

**Rikors Guramentat Nru: 1042/2020 AF**

**Alex Aquilina**

**vs**

**Power Plus Limited (C-68249)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti Alex Aquilina, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-attur akkwista minghand is-socjetà konvenuta sistema ta' pannelli fotovoltajici konsistenti f'erba' u hamsin (54) pannella ta' mitejn u hamsin (250) Watt kull wahda flimkien ma' *inverter*, inkluza l-installazzjoni tal-istess sistema fil-fond tal-attur, ossia, 39, Zonqor Court, Triq l-Artillieri, Marsaskala.

Dan l-akkwist flimkien mal-installazzjoni tieghu saru versu l-prezz ta' disa' u ghoxrin elf Ewro (€29,000), skond fattura bin-numru 2293 u datata 7 ta' Jannar tas-sena 2019, hawn annessa u mmarkata bhala Dok. AA1.

Sa mill-bidu nett tal-installazzjoni u l-operat taghha, s-sistema fotovoltajika in kwistjoni qatt ma hadmet sew u fl-ahjar potenzjalità taghha, u dan bi pregudizzju serju ghall-attur.

Nonostante diversi tentattivi mis-socjetà konvenuta sabiex tirrimedja dawn in-nuqqasijiet fis-sistema minnha mibjugha u kif ukoll il-pregudizzju serju li l-attur kien u ghadu qed igarrab, din is-sistema fotovoltajika baqghet ma tiffunzjonax kif suppost ghandha tiffunzjona u dan kif ser jigi ahjar espost u mfiehem fil-mori tal-kawza.

Is-sistema fotovoltajika in kwistjoni ma tistax tigi meqjusa li hija tal-kwalità pattwita stante li ma hiex tiffunzjona kif suppost ghandha tiffunzjona u konsegwentement, ma tistax taqdi l-funzjoni taghha bl-ahjar mod possibbli u bil-potenzjal li bih suppost tiffunzjona, kif kien imwieghed u mistenni fil-bejgh tal-istess u ghal liema funzjonijiet primarjament giet akkwistata mill-attur.

Oltre ghall-pregudizzju soffert mill-attur meta s-sistema li akkwista u li giet konsenjata lilu ma kienitx tal-kwalità pattwita, l-attur qed ukoll isofri danni konsiderevoli konsistenti f'telf ta' dhul minhabba nuqqas ta' produzzjoni ta' elettriku, u dan kawza

tal-inadempjenza tal-obbligi assunti mis-socjetà konvenuta fil-bejgh u l-installazzjoni tas-sistema in kwistjoni, ossia, meta ntrabtet li tipprovdi oggett tal-bejgh tal-kwalità pattwita b'funzjonament kif mistenni.

Minkejja li s-socjetà konvenuta giet debitament interpellata diversi drabi, hija baqghet inadempjenti.

L-attur ghadda sabiex formalment iddepozita s-sistema fotovoltajika permezz ta' debita cedola.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

L-attur jaf b'dawn il-fatti suesposti personalment.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi, illi s-sistema ta' pannelli fotovoltaici li l-attur akkwista minghand is-socjetà konvenuta konsistenti f'erbgha u hamsin (54) pannella ta' mitejn u hamsin Watt (250W) kull wahda flimkien ma' inverter u installata mill-istess socjetà konvenuta fil-fond tal-attur ossia, 39, Zonqor Court, Triq l-Artillieri, Marsaskala mhijiex tiffunzjona kif mistenni u mwieghed, u ghaldaqstant ma hijiex tal-kwalità pattwita.

2. Tordna r-rizoluzzjoni tal-kuntratt ta' bejgh tal-istess sistema fotovoltaika mibjugha mis-socjetà konvenuta u akkwistata mill-attur, skond il-fattura bin-numru 203 u datata sebgha (7) ta' Jannar, elfejn u dsatax (2019).

3. Tordna u tikkundanna lis-socjetà konvenuta sabiex tirrifondi lill-attur l-ammont ta' disgha u ghoxrin elf Ewro (€29,000) rapprezentanti l-prezz tal-bejgh surriferit.

4. Tordna lis-socjetà konvenuta sabiex tirrimwovi s-sistema fotovoltaika akkwistata mill-attur u installata minnha fil-fond tal-attur ossia 39, Zonqor Court, Triq l-Artillieri, Marsaskala, f'dak iz-zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti ghal dan l-iskop, okkorrendo taht

id-direzzjoni u s-supervizjoni ta' periti nominandi, a spejjez tal-istess socjetà konvenuta, u f'kaz illi s-socjetà konvenuta tonqos milli taghmel dan f'dak iz-zmien perentorju stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, tawtorizza lill-attur sabiex jesegwixxi, okkorrendo taht id-direzzjoni u s-supervizjoni ta' periti nominandi, dawn l-istess xogholijiet a spejjez tal-istess socjetà konvenuta.

5. Tiddikjara illi s-socjetà konvenuta hija responsabbli ghad-danni kollha, inkluz dawk konsegwenzjali, li gew sofferti mill-attur.

6. Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi.

7. Tikkundanna lis-socjetà konvenuta sabiex thallas lill-attur id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment u kif ukoll tac-cedola ta' depozitu, u bl-imghax kontra s-socjetà konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimati Power Plus Limited, permezz ta' liema ġie eċċepit illi:

It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jintwera ahjar fil-mori ta' dawn il-proceduri, ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

Is-sistema ta' pannelli fotovoltajici gew installati fil-bidu tas-sena 2019 u s-socjetà esponenti qatt ma kellha l-ebda komunikazzjoni minghand l-attur dwar problemi fl-istess sistema sa April 2020, meta l-ilment tal-attur gie indirizzat. F'dan l-istess perjodu gie installat apparat appozitu sabiex kemm l-attur kif ukoll is-socjetà esponenti tkun tista' taghmel moniteragg tas-sistema. Minn dan il-moniteragg jirrizulta li bejn Mejju 2020 u Novembru 2020 gew generati 9821.5 units, fatt li juri bic-car illi

s-sistema qed tiffunzjona sew u tahdem fl-ahjar potenzjalità taghha, u dan kif ser jintwera ahjar fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Sa minn Mejju 2020 san-notifika ta' din il-kawza, s-socjetà esponenti qatt ma rceviet l-ebda ilment da parti tal-attur li infurmata illi s-sistema ma kienitx qed tahdem kif suppost kif qed jigi allegat u ghalhekk l-istess socjetà qatt ma nghatat l-opportunità illi tirrimedja f'kaz li kien hemm problema jew tispjega s-sitwazzjoni lill-istess attur, li minflok qabad u intavola dawn il-proceduri kif ukoll mandate ta' sekwestru. Is-socjetà esponenti ghalhekk tecepixxi wkoll illi l-kawza giet intavolat b'mod intempestiv u ghandha tigi michuda bl-ispejjez fil-konfront tal-attur.

Is-sistema ta' pannelli fotovoltajici hija tal-kwalità pattwita u ma tezisti l-ebda raguni ghaliex ghandu jintalab ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt bejn il-partijiet u ghalhekk it-talbiet attrici f'dan ir-rigward ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

L-attur ma soffra l-ebda danni kagun ta' xi inadempjenza tas-socjetà esponenti u lanqas minhabba xi difett fis-sistema u ghalhekk kull talba ghad-danni ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat illi fl-udjenza tas-16 ta' Marzu 2023 il-Qorti ħatret lill-Inġinier John Scerri sabiex jirrelata dwar aspetti tekniċi tal-kawża kif indikat mir-rikorrenti fir-rikors tiegħu tal-15 ta' Marzu 2023.

Rat ir-relazzjoni teknika li ġiet ikkonfermata bil-ġurament tal-istess perit tekniku fl-10 ta' Novembru 2023.

Rat ukoll ix-xhieda tal-perit tekniku in eskussjoni.

Semgħet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-intimati.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza għal lum.

Ikkunsidrat illi din hija kawża li tirrigwarda sistema ta' 54 pannella fotovoltajika li ġiet installata mis-soċjetà intimata fil-proprjetà tar-rikorrenti senjatament f'39, Żonqor Court, Triq l-Artillieri, Marsaskala. Ir-rikorrenti jallega li din is-sistema sa mill-bidu nett tat il-problema li jindika li s-sistema nstallata ma kienitx tal-kwalità pattwita tant li ma ġġeneratx elettriku daqs kemm kien maħsub bil-konsegwenza li r-rikorrenti ġarrab danni konsistenti f'telf ta' ġenerazzjoni ta' elettriku u b'hekk il-konsegwenti sussidju fuq il-kont tad-dawl.

Is-soċjetà intimata laqgħet billi eċċepiet l-infondatezza tat-talbiet tar-rikorrenti. Għajr għall-preżentata tar-risposta ġuramentata, is-soċjetà intimata ħadet pożizzjoni passiva għall-ahhar u mhux talli ma ressqitx provi in difiża tagħha talli lanqas ma kkoperat mal-perit tekniku sabiex tipprovdih bid-dokumentazzjoni mitluba.

Mill-provi jirriżulta li Power Plus Limited kienet qegħda tagħmel kampanja pubbliċitarja dwar l-installazzjoni ta' pannelli fotovoltajiċi. Kien hawn li ħajjret lir-rikorrenti jinstalla s-sistema minnha reklamata. Ir-rikorrenti ltaqa' fuq il-post ma' Clayton Debono in rappreżentanza tas-soċjetà intimata li ssuġġerixxa li tiġi nstallata sistema ta' 54 pannella li titqabbad ma' *three phase*. Is-sistema ġiet installata fuq il-post mit-tekniċi tas-soċjetà intimata u sussegwentement ġie nstallat it-*three phase* u s-sistema tal-pannelli tqabbdet miegħu f'Ottubru tas-sena 2018. Is-sistema in kwistjoni ma bdietx taħdem minnufih billi l-inverter ma ġiex installat flimkien mas-sistema. Ir-rikorrenti xehed li mal-installazzjoni tal-*inverter* dan ma bediex jaħdem għalhekk inqala' u ntbagħat għat-tiswija. Ir-rikorrenti dam jistenna l-*inverter* għal 10 ġimgħat sakemm finalment twaħħal *inverter* tad-ditta *Growatt Inverter* li f'temp ta' jumejn mill-installazzjoni beda jagħti '*error*'. Is-soċjetà intimata bagħtet diversi tekniċi inkluż *electricians* u inġiniera fuq il-post sabiex

jaraw minn fejn kienet ġejja l-problema però ħadd ma seta' jsib tarf. Intant ġie nstallat apparat ta' monitoraġġ li wera s-sistema kif kienet qed taħdem u l-effiċjenza tagħha. Minn hawn ħareġ li s-sistema ma kienitx qed tibda taħdem gradwalment ma' tlugħ ix-xemx iżda tibda taħdem f'salt aktar tard.

Trattandosi ta' kwistjoni prettament teknika li l-Qorti ċertament m'għandiex il-kompetenza li tistħarreġ hija stess, ġie nkarigat perit tekniku ossia l-Inġinier John Scerri sabiex jassistiha billi jirrelata dwar l-effikaċja o meno tas-sistema ta' pannelli fotovoltajiċi mertu ta' din il-vertenza. Minn dan ir-rapport jirriżulta li s-sistema *de quo* ma kienitx qed taħdem effikaċement tant li kkonstata telf ammontanti komplessivament għas-somma ta' €4,807.18. In eskussjoni amplifika ulterjorment dwar il-problema teknika u spjega illi waqt li kien hemm ħinijiet fejn is-sistema kienet taħdem sew, kien hemm ħinijiet oħra fejn ma kienitx. Xehed illi jekk sistema bħal din ma tkunx qed tiġġenerika elettriku allura jkun ifisser illi mhijiex taħdem tajjeb. Qal ukoll illi:

> *"l-inverter installat ma kienx idoneju għas-sistema tal-pannelli nstallata. Kien hemm 54 pannella illi jipproduċu 13,500 Watt mentri l-inverter jikkonverti 10,000 Watt. Allura it-3,500 Watt differenza qatt mhu se jintlaħaq. Minħabba n-nuqqasijiet li kkonstatajt jirriżulta li s-sistema ma kienitx tal-kwalità mistennija."*

Żied jgħid ukoll illi huwa ferm diffiċli li ssib terzi lesti jidħlu għal biċċa xogħol li jsewwu s-sistema li għandu r-rikorrenti jew li lesti jżarmawha għaliex f'dak il-każ l-ispejjeż jawmentaw hafna.

Fid-dawl tal-kostatazzjonijiet li saru mill-perit tekniku u fin-nuqqas ta' xhieda li tikkontradiċi l-konklużjonijiet li wasal għalihom il-perit tekniku, il-Qorti ma ssibx raguni ghalfejn għandha titbiegħed mill-konklużkonijiet li wasal ghalihom il-perit tekniku minnha nkarigat.

Fid-dawl tal-premess għalhekk il-Qorti ssib li tassew is-sistema in kwistjoni mhijiex tiffunzjona tajjeb u konsegwentment mhijiex tal-kwalità kif pattwita la darba mhijiex effiċjenti daqs kif

imwiegħed lir-rikorrenti. Konsegwentment, din is-sistema għandha titneħħa mis-soċjetà intimata li għandha wkoll tirrifondi lura lir-rikorrenti l-prezz intier *ossia* €29,000 li r-rikorrenti ħallas sabiex jixtri u jinstalla l-pannelli. In oltre, r-rikorrenti għandu wkoll jitħallas d-danni u cioè is-somma ta' €4,807.18 rappreżentanti telf fil-ġenerazzjoni tal-elettriku konsegwenza tal-kwalità inferjuri tas-sistema installata.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha.

2. Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta.

3. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara xolt il-kuntratt tal-bejgħ bejn il-partijiet.

4. Tilqa' t-tielet talba u tordna lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' disa' u ghoxrin elf Ewro (€29,000) rappreżentanti prezz tal-ħlas ta' sistema ta' pannelli fotovoltajiċi u intallazzjoni tagħhom.

5. Tilqa' r-raba' talba u tordna lis-soċjetà intimata tneħħi s-sistema tal-pannelli fi żmien xahar minn dak inhar li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat. Fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jagħmel dan a spejjeż tas-soċjetà intimata. Għal dan l-iskop il-Qorti qegħda testendi l-inkarigu tal-Inġinier John Scerri sabiex jissorvelja l-process.

6. Tilqa' l-ħames, is-sitt u s-seba' talba u waqt illi tiddikjara li s-soċjetà intimata hija responsabbli għad-danni fil-konfront tar-rikorrenti, tillikwida d-danni fis-somma ta' erbat elef tmien mija u seba' Ewro u tmintax-il centezmu (€4,807.18) u tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas l-ammont likwidat lir-rikorrenti inkluż l-imgħaxijiet legali dekorribbli minn dak inhar li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta’ din il-kawża inkluż dawk taċ-ċedola ta’ depożitu numru 1568/20 u l-mandat ta’ sekwestru bin-numru 1687/20 jitħallsu kollha mis-soċjetà intimata.

IMHALLEF

DEP/REG